MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 225/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Kevin Dalli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kevin Dalli**, ta' erbghin (40) sena, bin Geoffrey u Adolphina neé Schembri, imwieled Pietà nhar id-9 ta' Settembru 1971, u residenti 70, SandleWood, Triq is-Swatar, Msida, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 370971(M), akkuzat talli b'diversi atti

maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda skont Artikolu 18 tal-Kapitolu 9:

1. nhar it-22 ta' Frar 2011 u fix-xhur ohra qabel, gewwa l-Gzejjer ta' Malta gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Claudia (Maria Claudia) Dalli u li kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu qed tikkawza fastidju lilha skond Artikolu 251A tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Claudia (Maria Claudia) Dalli, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha skond Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;

3. fl-istess cirkustanzi uza xi *network* jew apparat iehor ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li nhargu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss bi ksur tal-Kapitolu 399;

4. fit-28 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tat-3:00 ta' filghodu gewwa 70, Sandalwood, Triq is-Swatar, Msida hebb ghal Claudia (Claudia Maria) Dalli u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skont certifikat mediku mahrug minn Dr. Stephen Spiteri tal-iSptar St. James ta' Zabbar;

5. fis-26 ta' Settembru tal-2010 gewwa 70, Sandalwood, Triq is-Swatar, Msida, kkommetta serq ta' gojjelli li jammontaw ghall-€4,000 ghad-detriment ta' Claudia (Maria Claudia) Dalli liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi €2,329.37 skond Artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9;

6. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra l-imsemmija gojjelli li jammontaw ghas-somma ta' €4,000 li kienu gew fdati jew kkunsenjati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat skond Artikolu 293 tal-Kapitolu 9;

7. fit-22 ta' Frar 2012, ghall-habta ta' 22:15hrs, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u aktar tard gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz skond Artikolu 188 tal-Kapitolu 9;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta' Claudia (Maria Claudia) Dalli;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju;

10. fl-istess cirkustanzi quddiem l-Ghassa tal-Msida ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' u cioé tal-Pulizija;

11. fit-22 ta' Frar 2012 ghall-habta tal-10:30 hrs gewwa Swatar Msida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé l-vettura tal-Ghamla Seat Cordoba bin-numru tar-registrazzjoni GRG 111 liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma huwa izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Claudia (Maria Claudia) Dalli u dan bi ksur ta' Artikolu 325 (1)(b), 325A(1) ta' Kapitolu 9;

12. fit-23 ta' Frar u fix-xhur ta' qabel, fil-fond 70, "Sandalwood", Triq is-Swatar, Msida:

    (a) zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioé Kuccarda Pernis apivorus, kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex jzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta'

Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

(b) zamm ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioé Kuccarda Pernis apivorus, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

(c) naqas milli jzomm fil-pussess tieghu ghal dak il-perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjun kif provdut fir-Regolamenti 4(l)(e) u 4(l)(f) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, il-permessi, certifikati u dokumenti ohra kollha li jkunu ta' prova ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

(d) kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III, u cioé Kucciarda Pernis apivorus, u li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi, f'kaz ta' htija tal-imputat, tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna msemmija aktar l-fuq u dan *ai termini* tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 23).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 116), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 116) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sat-30 ta' Jannar 2015 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-30 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 117 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013, xehdet **Claudia Calleja gia Dalli** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn ikkonfermat li hija kienet qed taghzel li

tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali u li kienet qed taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri. Tghid li ma giet mgieghla minn hadd biex tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Tghid li ma ghandha l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputat. Rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li jirrigwardaw pussess ta' tajr protett, ksur ta' bon-ordni u nuqqas ta' ordni tal-Pulizija, tghid li hija ma taf xejn dwarhom *stante* li ma kinitx prezenti meta dawn allegatament graw.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed **Stanley Gatt** (*Manager* fil-MEPA – *a fol.* 59 *et seq.*) fejn qal li fl-24 ta' Frar 2012 kien gie mitlub biex jezamina tajra, liema tajra kienet giet elevata l-gurnata ta' qabel u li giet indikata lilu bhala tali minn ghand l-imputat. Ezebixxa din it-tajra, *ossia* kuccarda, b'mod formali u li giet immarkata bhala Dok. "SG 1" (*a fol.* 62). Jghid li huwa ffotografa din it-tajra u ezebixxa zewg ritratti fuq folja wahda li giet immarkata bhala Dok. "SG 2" (*a fol.* 63). Jghid li rrizultalu li din it-tajra kienet ibbalzamata u li hija nkluza fi Skeda 1 tal-Avviz Legali 79/2006 u b'hekk hija mharsa b'mod specjali. Jispjega li rrizultalu li l-imputat qatt ma talab permess biex izomm tajr protett ibbalzmat u li qatt ma talab permess biex jigi trasferit lilu tajr protett ibbalzmat. Jghid li ma kien hemm hadd iehor fl-istess residenza li kien registrat fuqu tajr protett ibbalzmat. Jghid li din ir-residenza hija dik ta' 70, Triq is-Swatar, Msida.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-3 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 113 *et seq.*), ikkonferma li t-tajra kienet *honey buzzard* kuccarda. Jispjega li r-ricerka li kien ghamel saret fuq isem l-imputat, precizament bil-karta tal-identita' tieghu. Jghid li ghamel ukoll ricerka fuq ir-residenza tal-imputat fl-Msida. Jixhed li r-ricerka li ghamel hija bbazzata fuq informazzjoni li giet inserita minn xi hadd iehor, u cioé minn impjegat tal-MEPA. Jghid li ma kienx hu li nserixxa din l-informazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, xehed **PS 855 Malcolm Buttigieg** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li fit-22 ta' Frar 2012 kien fl-Ghassa tal-Pulizija, Msida fejn f'hin minnhom dahal l-imputat u qalilhom li kien ser jaghmel wahda minn tieghu u qal li kien ser joqtol lil xi hadd. Jghid li malli semghu jghid dan il-kliem, qamu *on the alert* u kull darba li ppruvaw jersqu lejn l-imputat, l-imputat

beda jidhol jigri gol-vettura u ser jitlaq. Jghid li peress li ma kienux jafu jekk l-imputat kienx armat, hu (PS 855) talab li johorgu arma u *taser* maghhom u li l-imputat beda jigbed b'*video camera* u beda jghidilhom li ma kienu ser jaghmlu xejn. Jghid li l-imputat finalment saq u telaq lejn il-Gzira. Jghid li marru warajh u meta waslu quddiem l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira, sabu lill-imputat fil-vettura li kienet ipparkjatha f'nofs tat-triq u li l-imputat beda jitkellem ma' PS 894. Jghid li meta l-imputat kien ghadu fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida, l-imputat inghata ordni biex jidhol gewwa pero l-imputat baqa' fil-bieb u eventwalment wara kull attentat li ghamlu biex jaqbduh, l-imputat telaq il-barra. Jghid li l-imputat beda l-hin kollu jiccalingjahom biex imorru warajh. Jghid li kien hemm hin fejn l-imputat beda jitkellem normali u hinijiet ohra fejn beda jghajjat. Jghid li l-imputat kien agitat.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 894 Alfred Cassar** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn qal li fit-22 ta' Frar 2012 ghall-habta tal-10.15pm waqaf l-imputat bil-vettura tieghu quddiem l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira, fejn kien hu (PS 894), u beda jghidlu li kellu bzonn l-ghajnuna. Jghid li minkejja li lill-imputat beda jghidlu biex jinzel mill-vettura, l-imputat beda jghidlu li kien ser jaghmel wahda minn tieghu. Jghid li l-imputat dahal l-Ghassa tal-Pulizija u qallu li martu kellha ragel maghha u li t-tfal kienu qeghdin hemm. Jixhed li l-imputat qallu: *"ser immur u noqtlu"* (*a fol.* 68). Jghid li l-imputat kien jidher naqra ecitat pero qal li kkoopera mal-Pulizija. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "AC 1" (*a fol.* 70 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn spjega x'kien ghamel l-imputat wara li kellu argument matrimonjali ma' martu Claudia Dalli. Spjega dak li gie nfurmat bih. Jghid li l-involviment tieghu kien jikkonsisti fit-tfittxija li kienet saret fir-residenza tal-imputat minhabba li martu kienet allegat li hu kien hadilha xi gojjelli. Jghid li, flimkien mal-iSpettur Jason Sultana, fit-23 ta' Frar 2012 saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, u cioé 70, Triq is-Swatar, Msida, minn fejn gie elevat l-ghasfur li jsir riferenza ghalih f'Dok. "SG 1" (*a fol.* 62). Ra Dok. "SG 2" (*a fol.* 63) u gharaf li dan kien l-ghasfur li kien gie elevat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mit-tfittxija li kienet saret ma kienux nstabu gojjelli.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehed l-imputat **Kevin Dalli** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn qal li kellu xi problemi familjari ma' martu Claudia Calleja gia Dalli (li issa separat minnha) peress li kienet qed izzommlu t-tfal u ma kienx qed jarahom. Jghid li meta nqalghu l-incidenti mertu tal-kawza odjerna, martu u hu kienu ghadhom fil-process ta' separazzjoni. Jixhed li dak li gara kien incident ta' darba ghax illum il-gurnata l-problemi gew rizolti. Jixhed li martu bdiet taghmel diversi rapporti u li mbaghad nstab l-ghasfur li ma kienx qatlu hu u anqas ibbalzmah hu pero jghid li kien fil-garaxx tieghu. Mistoqsi jghid kif l-ghasfur kien spicca ghandu, jghid: *"Dan kien rigal speci"* (*a fol.* 103). Jghid li dan l-ghasfur kien hadulu habib tieghu, certu Frans il-poeta, llum mejjet, u hu (l-imputat) accettah.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jixhed dwar dak li kien gara fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida, jghid li huwa kien xtaq li l-Pulizija jmorru mieghu biex jara lit-tfal. Jghid li mieghu kellu *video camera* biex ikollu prova ta' dak li kien ser jaghmel. Ikkonferma li dahal fl-Ghassa tal-Pulizija bil-*video camera* f'idejh. Jghid li l-Pulizija marru jigru warajh u li l-Pulizija qalulu li ma setghux imorru mieghu u b'hekk mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira. Ikkonferma li huwa telaq mill-Msida bil-vettura u li l-Pulizija marru warajh. Mistoqsi jghid jekk il-Pulizija qalulux biex jaghmel xi haga u hu ma obdiex, wiegeb: *"Le ma niftakarx li qaluli biex naghmel xi haga"* (*a fol.* 104). Cahad li lill-Pulizija kien qalilhom li kien ser joqtol lil xi hadd.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-parti leza u l-imputat kienu mizzewwgin u li qabel ma waslu biex ikkonkludew is-separazzjoni taghhom kellhom xi dizgwid fuq xi affarijiet.

**<u>Imputazzjonijiet immarkati bin-Numri Wiehed (1) sa Sitta (6) u kif ukoll Imputazzjonijiet immarkati bin-Numru Tmienja (8) u Hdax (11)</u>**:

Illi, tul il-mori tal-proceduri odjerni, il-parti leza Claudia Calleja gia Dalli rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet indikati hawn fuq, ma jirrizulta xejn mill-atti processwali li jwassal ghal xi forma ta' htija tal-imputat u tenut kont tal-fatt li l-parti leza anqas xehdet dwarhom, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-imsemmija imputazzjonijiet.

**Imputazzjoni mmarkata bin-Numru Sebgha (7)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u aktar tard gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira huwa ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew li ta taghrif falz. Din l-imputazzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Imputazzjonijiet immarkati bin-Numri Disgha (9) u Ghaxra (10)**:
Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Il-Qorti semghet kif l-imputat kien agitat u mar jitlob l-assistenza tal-Pulizija.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni li tirrigwarda ksur tal-bon-ordni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta tenut kont tal-atteggjament tal-imputat u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati ta' tali imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni li tirrigwarda nuqqas ta' ubbidjenza tal-imputat ghall-ordnijiet moghtija mill-Pulizija, il-Qorti tinnota li PS 855 Malcolm Buttigieg kien car hafna fid-depozizzjoni tieghu meta qal li minkejja li l-imputat inghata ordni biex jidhol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija huwa baqa' fil-bieb u eventwalment telaq il-barra. Da parte tieghu, meta l-imputat giet mistoqsi jekk il-Pulizija qalulux biex jaghmel xi haga u hu ma obdiex, wiegeb: *"Le ma niftakarx li qaluli biex naghmel xi haga"* (*a fol.* 104). Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li anke din l-imputazzjoni

giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**<u>Imputazzjoni mmarkata bin-Numru Tnax (12)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni, li tinqasam f'erbgha, l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi reati minhabba z-zamma tat-tajra kuccarda li giet elevata mir-residenza tieghu fl-Msida. Din it-tajra giet ezebita b'mod formali waqt id-depozizzjoni moghtija fit-8 ta' April 2013 minn Stanley Gatt. Din it-tajra tidher f'ritratti li jinsabu f'Dok. "SG 2" (*a fol.* 63). Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Saviour Baldacchino (*a fol.* 77 *et seq.*) ikkonferma li din it-tajra giet elevata mir-residenza tal-imputat. Jirrizulta li t-tajra in kwistjoni kienet ibbalzmata u li l-imputat qatt ma talab permess biex izomm tajr protett ibbalzmat u li qatt ma talab permess biex jigi trasferit lilu tajr protett ibbalzmat. Jirrizulta wkoll li ma kien hemm hadd iehor fl-istess residenza li kien registrat fuqu tajr protett ibbalzmat. Da parte tieghu, fid-depozizzjoni tieghu, l-imputat Kevin Dalli (*a fol.* 102 *et seq.*) jispjega li t-tajra in kwistjoni ma gietx maqtula jew ibbalzmata minnu pero giet moghtija lilu bhala rigal.

Illi, l-Qorti tinnota li t-tajra in kwistjoni hija nkluza f'Skeda 1 tal-Avviz Legali 79/2006 u li b'hekk hija mharrsa b'mod specjali. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li r-reati elenkati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru tnax (12) gew ilkoll sodisfacentement pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-imputazzjonijiet immarkati bin-numri disgha (9), ghaxra (10) u tnax (12) li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 5) (li hija wahda kwazi kompletament nadifa), u kif ukoll l-istat ta' animu li kien fih l-imputat meta kkommetta imputazzjonijiet immarkati bin-numri disgha (9) u ghaxra (10).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

*stante* rinunzja, tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta' imputazzjonijiet immarkati bin-numri erbgha (4), sitta (6) u tmienja (8);

fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati ta' imputazzjonijiet immarkati bin-numri wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), hamsa (5), sebgha (7) u hdax (11) u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet;

u

wara li rat Artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5) u Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Kevin Dalli hati ta' imputazzjonijiet immarkati bin-numri disgha (9), ghaxra (10) u tnax (12) u filwaqt li fir-rigward ta' imputazzjonijiet immarkati bin-numri disgha (9) u ghaxra (10) tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00) fir-rigward ta' imputazzjoni mmarkata bin-numru disgha (9) u ghall-hlas ta' ammenda ohra ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00) fir-rigward ta' imputazzjoni mmarkata bin-numru ghaxra (10), fir-rigward tal-imputazzjonijiet indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru tnax (12) tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' hames mitt Euro (€500.00).

*Stante* li t-tajra in kwistjoni hija nkluza f'Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tat-tajra li tirrizulta f'Dok. "SG 1" (*a fol.* 62) u li tidher fir-ritratti f'Dok. "SG 2" (*a fol.* 63).

Finalment, tenut kont tal-fatt li l-parti leza f'dawn il-proceduri rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida sabiex tipprovdi ghas-sigurta' taghha *ai termini* tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------